**MINUTI**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**
**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA**

**12 ta' NOVEMBRU, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

Is-Sindku Silvio Izzi Savona avża li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**5.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

5.1.1 Fir-rigward ta' punt 4.1.2 kien hemm qbil li tiżdied is-sentenza 'Kien hemm qbil li tintalab risposta mis-Soċjeta' kkonċernata bil-miktub.'

Filfatt l-ittra ġiet riċevuta. Iċ-Chairperson Pierre Farrugia informa lill-Kumitat Amministrattiv li kellu laqgħa mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, fir-rigward ta' Memo 95/2010 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011, fejn kien miftiehem li jekk il-Kumitat ma jingħatax fondi biżżejjed għall-attivitajiet u s-soċjeta' li ser tagħti l-għajnuna lill-Kumitat ma tkunx lesta li tkompli tgħin fl-organizazzjoni, il-Kumitat għandu jinforma lid-Dipartiment u jikkanċella l-attivita'. Kien miftiehem li l-kanċellazzjoni ma tkunx ta' detriment għall-applikazzjonijiet

oħra.

5.1.2 Il-minuti tas-seduta numru 4 ġew apporvati.

*5.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson*

5.2.1 Fir-rigward tal-attivita' li saret nhar is-Sibt 30 ta' Ottubru, fuq l-inizjattiva premju lokalitajiet indaf, iċ-Chairperson Pierre Farrugia, nforma lill-Kumitat li tali attivita' kienet suċċess u lid-Dipartiment intbagħtilhom rapport tal-attivita' flimkien ma' kopja tal-irċevuti, Cd b'ritratti u T-Shirt tal-isponsor.

Kien hemm qbil li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-iscouts ta' l-għajnuna li taw.

5.2.2 Iċ-Chairperson qal li llum kellu laqgħa mal-Onor. Chris Said fir-rigward tal-applikazzjoni Memo 94/2010 – Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet tagħhom.
Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ingħata l-ewwel pagament ta' € 10,000 u l-€ 10,000 li jmiss jingħataw wara li jitlesta x-xogħol u jiġu sottomessi l-irċevuti.

Il-Kumitat ġie nfurmat ukoll li għandu estenzjoni taż-żmien sakemm għandu jitlesta x-xogħol. L-estenzjoni twassal sat-30 ta' Novembru, 2011

5.2.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li rċieva ittra mingħand resident fi Vjal l-Inidpendenza fuq l-iskart li qed joħorġu residenti minn St Agatha Complex wara li jgħaddi l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u fil-Ħdud.
Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lil kull resident f'St Agatha Complex fejn jingħad li jekk ma jkunx hemm koperazzjoni jittieħdu l-passi neċessarji.

5.2.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat li f'seduta tal-Kunsill Lokali, s-Sindku qal li ser jagħti faċċata waħda fil-Kunsill News lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra u jekk ikun hemm bżonn ta' aktar spazju jkunu jistgħu jdaħħlu insert bħal ma sar fl-aħħar ħarġa.

Kien hemm qbil li tintalab stima ta' '*A4 paper printed on both*

*sides, full colour'*, biex titqassam kemm separatament mill-Kunsill News u kemm bħala insert fil-Kunsill News.

Wara li l-Kumitat ikollu l-istimi f'idejh jerġa jiġi diskuss dan l-item.

Il-Kumitat qabel li għall-Kunsill News li jmiss joħroġ fil-Milied, tinkiteb faċċata waħda miċ-Chairperson f'isem il-Kumitat kollu u din il-kitba tinagħta lill-membri kollha tal-Kumitat qabel ma tiġi ppubblikata.

***5.3 Devoluzzjoni tax-Xhelter f'Misraħ Santa Marija u tal-Imtagħli***

5.3.1 Iċ-Chairperson informa lill-Kumitat li sabiex il-Kumitat japplika għall-fondi tal-ERDF irid ikollu d-devoluzzjoni/guardianship f'idejh.

Iċ-Chairperson informa li jekk sat-30 ta' Novembru dan ma jseħħx jirtira l-applikazzjoni għall-fondi ERDF, biex ma jintefqux fondi mill-Kumitat bla bżonn.
Kien hemm qbil fuq dan.

***5.4 Traffic Management fejn iċ-Ċimiterju ta' Bubaqra***

5.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li waqt l-attivita' ta' tindif f'Bubaqra kellu xi suġġerimenti li jsiru *parking bays* madwar iċ-ċimiterju u konkos tul it-triq taħt il-bankina biex ma jkomplix jikber il-ħaxix ħażin.

Ma kienx hemm qbil fuq dan.

***5.5 Ilmenti***

5.5.1 Kien hemm qbil li titwaħħal il-lampa ġdida fi Triq Fra Gan Marie Zammit wara li l-Kumitat irċieva l-approvazzjoni mill-Enemalta.

Kien hemm qbil li l-Kumitat jerġa jirrapporta fuq żbroff ta' drenaġġ fil-*basement* ta' resident fi Triq Dun Nard Mallia.

Kien hemm qbil li *flood light* li tinsab quddiem l-istatwa ta' Santa Marija f'Bubaqra tiġi msewwija mill-Kuntrattur tal-

Kunsill.

Il-*patching* f'Bubaqra nbeda u l-kuntrattur għandu jibgħat l-ewwel kont qabel ikompli x-xogħol ordnat biex il-Kumitat ikollu ħjiel tan-nefqa.

Fir-rigward ta' l-ilment li l-Kumitat irċieva fuq Triq it-Tin kien hemm qbil li l-Kumitat jikteb li tali triq ser issir fi żmien qasir mit-TM.

Kien hemm qbil li jinxtraw siġar addattati skond kif jagħti l-parir il-*contract manager* għas-*central strips* ta' Vjal l-Indipendenza u għal konka vojta fi Triq Santa Marija.

Kien hemm qbil li jiġi rrappurtat *trailer* li ilu pparkjat ħafna fi Triq Saverio Laferla minħabba li jinsab ta' inkonvenjent kbir għas-sewwieqa.

Kien hemm qbil li l-iskips ta' Triq l-Iskulturi Fabri jitressqu fi Triq in-Nigret imma jibqgħu madwar is-*substation* tal-Enemalta.

*5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xogħlijiet u Servizzi*

5.6.1 Dan l-item kien imressaq waqt l-item numru 5.

*5.7 Appuntament għas-seduta li jmiss*

5.7.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru, 2010 fis-6.00 ta' filgħaxija.

5.7.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.50 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Diċembru, 2010.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**